MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 653/2001/1

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi huma identifikati fil-lista prezentata fin-nota prezentata kontestwalment illi flimkien jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds, liema sindikati qeghdin jagixxu kif jinsabu issurogati fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Anna Cachia Fearne u l-istess Anna Cachia Fearne**

**Vs**

**Mark Anthony Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilisitku illi sehh fit-18 ta' Settembru 2000 gewwa Triq tal-ibragg, Swieqi bejn il-vettura tal-marka Fiat Uno, bin-numru ta' registrazzjoni JAM 149 u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2002 in-numru 149 gie mibdul b'419, koperta mil-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive'misjuqa mill-attrici Anne Cachia Fearne, u l-vettura tad-ditta Fiat Tipo bin-numru ta' registrazzjoni CAM 789 propjeta' ta' Giuseppe Bonavia u misjuqa minn Mark Anthony Portelli u ghad-danni konsegwenzjali mill-attrici.
2. tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' hames mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u hamsa u hamsin cetnezmu (Lm582.55) kif jidher f'Dok A jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Lloyds (Malta) Limited u Anne Cachia Fearne is-somma ta' hames mija u hdax-il Lira Maltin, hamsa u hamsin centezmu (Lm511.55) u s-somma ta' wiehed u sebghin Liri Maltin (Lm71) rispettivament jew sommom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsulta (Lm10) u tal-ittra bonarja tal-20 ta' Novembru 2000 (Lm4.85), tal-ittra ufficjali ta' April 2000 flimkien man-Nota tal-ismijiet tal-istess data (Lm21.50) u tan-Nota tal-ismijiet ipprezentata kontestwalment ma' dana l-avviz u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment a tenur tal-Kapitolu 104, flimkien man-nota bl-ismijiet tas-sindikati pprezentata ma' dik l-ittra, u bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2000, jew data ohra stabbilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fis-27 ta' Novembru 2002 (fol tal-atti) u li bih in-numru tal-vettura 'Jam 149' gie mibdul u korrett ghal '419'.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 3 sa fol 12 tal-atti kif ukoll in-nota li tinsab a fol 13 et seq ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 72 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li Mark Anthony Portelli ma kien bl-ebda mod reponsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz fl-ismijiet premessi billi t-tort ta’ kollox huwa unikament imputabbli lil Anne Cachia Fearne minhabba negligenza, sewqan perikoluz u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-kontro talba tal-istess konvenut (fol 72 ibid) u li biha l-konvenut qal:-

Illi l-konvenut qieghed jipprevalixxi ruhu minn dan l-avviz sabiex jipprezenta l-kontro talba tieghu kontra l-atturi li permezz taghha tghid Anne Cachia Fearne u Lloyds (Malta) Limited nomine ghal kull interess li jista’ jkollha ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjaraha unikament responabbli, ghall-incident stradali li gara fit-18 ta’ Settembru 2000 gewwa Triq ta’ l-Ibragg, Swieqi bejn il-vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni JAM 149 misjuqa minn Anne Cachia Fearne, u l-vettura tal-marka Fiat Tipo bin-numru ta’ registrazzjoni CAM 789 proprjeta’ ta’ Joseph Bonavia nomine u misjuqa minn Mark Anthony Portelli minhabba negligenza, sewqan perikoluz u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Anne Cachia Fearne, u tillikwida d-danni kkawzati minnha.

Bl-ispejjez kontra Anne Cachia Fearne, li hija ngunta ghas-subizjoni.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi PS 1492 Joseph Pace (fol 83, fol 100 u fol 151 ibid) li investiga dan il-kaz esebixxa l-iskizz skalat kif ukoll kopja tar-rapport in rigward l-istess kaz (fol 102 u fol 106 ibid). Mill-istess skizz imsemmi jigu notati iz-zewg bankini, wahda fuq kull naha tat-triq, fejn hemm indikat li hemm 'drive in' fuq ix-xelluq tal-istess triq, kif ukoll iz-zewg vetturi involuti, dik bin-numru Jam 419 misjuqa mill-attrici u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru CAM 789 oltre il-linja medjana miksura fuq l-istess triq. In rigward ir-rapport imsemmi hemm imnizzla l-versjoni moghtija rispettivament mill-partijiet direttament involuti f'din il-kollizzjoni (fol 104 ibid). In rigward l-attrici din kienet stqarret, a caldo, li kienet diehla fid-'drive in' gja imsemmija, formanti parti mid-dar taghha waqt li kellha l-'indicators' mixghulin u hawnhekk il-vettura misjuqa mill-konvenut habtet ma' dik misjuqa minnha waqt li l-konvenut sostna li, waqt li kien qed jsuq fl-istess triq wara l-vettura l-ohra din insaqet lejn nofs it-triq (cjoe lejn il-lemin) u f'daqqa wahda daret lejn ix-xellug sabiex tidhol fl-istess 'drive in'. Mill-istess rapport gew konsiderati l-hsarat fuq l-istess vetturi, bhala konsegwenza diretta tal-istess incident (fol 103 ibid). L-istess xhud kkostata li dawk sofferti mill-vettura misjuqa mill-attrici kienu fuq il-bieba 'mud guard' ta' quddiem sitwati fuq ix-xellug waqt li dak li garrbet dik misjuqa mill-konvenut kienu fuq il-'mudguard' u 'bonnett' fuq in-naha tal-lemin. In kontro ezami l-istess xhud, fuq il-post ma kienx jidher li kien hemm xi marki ta' 'brakes'.

Inoltre kif jidher mill-istess skizz fuq in-naha tax-xellug tad-'drive in' hemm il-bankina u '… parti zghira tal-bankina kienet mghottija mill-karozza tal-konvenut'.

Illi l-attrici Anne Cachia Fearne (fol 91 u fol 139 et seq ibid) spjegat illi t-triq in esami u fejn hi tirrisjedi "… hija 'dotted' fin-nofs, b''lane' kull naha" izda ' tista tghid li hija kwazi 'single lane'. Dwar l-incident dan gara meta "… kont bdejt indur sabiex nidhol fid-'drive in' " u "kont qed nikkwartja u … kont qed ndur bil-mod hafna". Hawnhekk hi semghet il-hoss tal-habta u sabet illi l-konvenut kien tela', bil-vettura tieghu fuq il-bankina u halla marki ta' 'brakes twal hafna' fuq l-istess bankina avolja ma setghetx tghid jekk semghetx il-hoss ta' 'brakes' fil-bidu izda wara

ftakart li semghet '… hoss ta' 'brake' zghir'. Hi spjegat illi qabel ma bdiet il-manuvra sabiex tidhol fid-'drive in' tad-dar taghha, hi kienet xeghlet l-'indicator'. Wara l-incident, il-konvenut kien qalilha li ser jhallas kollox u dan presenti zewgha u binha. Inoltre dawn tal-ahhar, tenut kont li binha hu arkitett, ghamlu pjanta tal-incident li tinsab esebita a fol 93 tal-atti u fuqha gie imnizzel illi wara l-vettura tal-konvenut din 'in parte' fuq il-bankina, hemm indikati marki ta' 'brakes' wiehed ta' 27' u l-iehor ta' 35'. Reprodotta in kontroesami, hi regghet sostniet ili qabel l-istess manuvra hi kienet harset, minn wahda mill-mirja sabiex tara' jekk kienx hemm traffiku gej minn warajha u li kienet xeghlet l-'indicator' lejn xellug. Inoltre, hi rribattiet hi fuq il-post kien hemm marki ta' 'brakes', mhux murija fuq l-iskizz tal-Pulizija.

Illi l-imsemmi binha <u>Joseph Cachia Fearne</u> (fol 94 u fol 120 et seq ibid) ikkonferma li hu ghamel il-<u>pjanta</u> esebita a fol 93. Inoltre hu specifika illi l-bankina li fuqha telghet il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet 7" gholja, li l-konvenut presenti hu, kien ammetta t-tort tieghu u li kien lest li jhallas id-danni lil-attrici, li hu kien kejjel l-msemmija 'brake marks' 'mir-roti ta' <u>quddiem</u>' tal-karozza misjuqa mill-konvenut. <u>In kontro esami</u>, hu indika, bi precizjoni u b'referenza ghall-pjanta maghmula minnu illi d-distanza <u>bejn is-'central road markings' u l-bankina hi ta' 15' 2 1/2"</u>. Inoltre hu qal li 'Ma tantx hemm bzonn sabiex tidhol fid-'drive in' tieghi … li l-karozza li tkun qed issuq tigbed xi ftit lejn in-naha ta' barra' jew ' … li tghaddi nkaxxat mal-bankina' fuq ix-xellug.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 109 u fol 158 et seq ibid) beda billi qal li, qabel l-incident in esami, hu kien qed jsuq il-vettura numru CAM 789, li pero tappartjeni lill-'employer' tieghu, is-socjeta' 'Bonavia Stores Ltd'. Qabel l-istess incident, hu kien ra li, quddiemu kien hemm karozza misjuqa mill-attrici skond hu l-attrici '… saqet lejn il-lemin tal-'lane' bhalma jaghmel sewwieq qabel ma jaqsam il-'lane' tad-direzzjoni opposta'. Ghalhekk hu kompla jsuq bil-mod b'velocita ta' madwar 30 kilometru fis-siegha izda l-attrici,

f'salt, kisret ghal fuq ix-xellug, minghajr ma indikat dan billi tixghel l-'indicator jew xi sinjal iehor, u '… dahlet fuq il-vettura misjuqa minnu' skond hu, in kontro esami, hu qal li, qabel il-habta l-vettura l-ohra, meta marret lejn il-lemin u qabel ma daret lejn x-xellug '… din gibdet lejn nofs it-triq anzi kwazi qasmet nofs it-triq, gibdet lejn il-lemin dijagolarment'.

Minhabba dan, hu haseb u immagina '… li nista' nibqa' ghaddej'. Pero, fl-ahhar tal-kontro esami tieghu, wara li qal li naqqas il-velocita' tieghu meta ra l-manuvra tal-attrici, hu qal 'Dak il-hin, fil-fatt nghid li ma kontx naf esattament x'kien ser jaghmel ta' quddiemi. Dan kollox gara fi ftit sekondi'.

Ikkunsidrat

Illi dawn huma l-provi, in sintesi prodotti mill-partijiet u a bazi taghhom l-istss Qorti tirrileva dak li ser jinghad :-

a) Hu minnu li s-socjeta' attrici nomine et ma ssotomettiet l-ebda eccezzjoni ghal kontro talba sottomessa mil-konvenut. Pero mill-provi, anke mix-xhieda tal-istess konvenut 'ex admissis' irrizulta li l-vettura misjuqa minnu ma tappartjeniex lilu izda lis-socjeta' imsemmija fl-istess xhieda tieghu u li maghha kien impjegat meta gara dan l-incident. Minhabba dan l-konvenut ma ghandu ebda interess la legali la fuq bazi ta' fatt sabiex jkun jista' jahmel l-istess kontro talba u ghalhekk l-attrici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

b) Dwar ir-responsabilita ta' dan l-incident, l-istess konvenut xehed li kien qed jsuq wara l-attrici u avolja 'ma kontx naf esattament x'kien ser jaghmel ta' quddiemi', hu ghamel manuvra 'per se' riskjuza u perikoluza billi jipprova jissorpassa l-vettura tal-attrici fuq ix-xellug ta' din fl-ispazju ristrett, bejn il-bankina u din l-ahhar vettura. Fil-fehma tal-Qrati din hi l-kawza immedjata ta' dan l-incident. Inoltre l-istess Qorti ma sabet l-ebda prova attendibbli dwar negligenza kontributorja da parti tal-istess attrici. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Dwar il-'quantun' ta' danni, in atti jinsabu diversi provi in sostenn ta' dak pretiz fl-avviz in esami (ara fol 2 sa fol 7 tal-atti kif ukoll fol 88 u 89 ibid). Pero mill-istess provi ma irrizultax li f'dan il-kaz kien hemm xi kiri ta' karozza da parti tal-attrici. Anzi l-attrici stess xehdet (fol 92 ibid) li ma kriet l-ebda karozza. Ghalhekk l-ammont mitlub mill-attrici ghandu jitnaqqas b'Lm46 u jigi limitat, biss, ghall-ammont ta' 'excess' ammontanti ghal Lm25.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u :

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni globali fis-somma ta' Lm536.80 ossija €1250.41 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm511.80 ossija €1192.17 u lill-attrici s-somma ta' Lm25 ossija €58.23 bl-imghax legali mit-30 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes kollha specifikati fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------